MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2012

Numru. 806/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**Pawlu Grech**

**Illum, 5 ta' Gunju 2012**

Il-Qorti

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi Pawlu Grech ta' 43 sena, bin Giuseppe u Grazia nee' Grech, imwieled Gharghur fis-27 ta' Marzu 1966, residenti f' 4, Triq il-Kappella ta' Santa Marija, Maghtab, l/o Naxxar, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 145966(M)

**Akkuzat talli:**

a) f'dawn il-Gzejjer, f'Lulju 2009 jew fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ikkorrompa lil Nigel John Abela, ufficjal fid-Dipartiment tal-VAT, u dan sabiex Nigel John Abela jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel;

b) kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'mezz ta' rigali, weghdiet, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

c) u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'mezz ta' rigali, weghdiet, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz;

d) kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'mezz ta' rigali, weghdiet, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn ghamlu xi denunzja, dikjarazzjoni jew taw taghrif mehtieg ghal xi wiehed mill-ghanijiet ta' l-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud filwaqt li kienu jafu li ma kinux korretti jew qarrieqa f'xi rigward materjali.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’Gudikatura Kriminali kif mahsub f’l-artikoli:

1. 18 u 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. 18, 42, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. 18, 42 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. 18, 42 u 77(b) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
5. 17, 18, 23B, 31, 119 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni.

Rat is-sentenza mghotija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fit-3 ta’ Novembru 2011 fuq referenza maghmula minn din il-Qorti fuq talba ta’l-imputat.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi jibda’ biex jinghad li wiehed mid-dokumenti li gie esebieta mill-prosekuzzjoni bhala parti mill-provi in sostenn ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat kien l-istqarrija minnu rilaxxata fil-kors ta’l-investigazzjonijet dwar il-kaz. Fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civile (Sede Kostituzzjonali) fuq imsemmija dik il-Qorti qalet hekk:

*Il-Qorti hija tal-fehma li, ladarba stqarrija tittieħed minn persuna bla ma jkollha jedd tikkonsulta ma’ avukat hija għamil li jikser l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, ma tistax titqies*

*bħala prova tajba u ammissibbli fil-proċediment kriminali li jsegwi t-teħid tagħha. B'daqshekk, ma jfissirx li l-istess proċediment irid jitwaqqaf jew li t-tqegħid ta' stqarrija bħal dik fl-atti tal-kawża jtebba' l-proċess kollu ……….. huwa aċċettat li, minkejja stqarrija bħal dik, il-prosekuzzjoni tressaq provi oħrajn tajbin biżżejjed li bihom il-każ tagħha kontra l-persuna mixlija jitwassal sal-port. Jista' jkun li l-imputat innifsu jistqarr ħtijietu quddiem il-Qorti. F'każ bħal dak, in-nuqqas ta' siwi probatorju tali stqarrija ma ġġibx magħha n-nuqqas ta' siwi tal-proċess u, jekk ikun il-każ, in-nuqqas ta' siwi ta' sejbien ta' ħtija.*

Illi tenut kont ta' dan, u tal-gurisprudenza imsemmija fis-sentenza hawn fuq kwotata, din il-Qorti ma tistax tqies bhala prova ammissibbli l-istqarrija ta' l-imputata u li giet esebieta bhala Dok AG2 u ghalhekk trid tistrih fuq l-provi l-ohra prodotti .

Illi fil-kors tal-proceduri odjerni l-unici zewg xhieda ghall-prosekuzzjoni kienu l-Ispettur li mexxa l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni dwar dan il-kaz, l-Ispettur Angelo Gafa, u rapprezentant tad-Dipartiment fuq il-Valur Mizjud[1], Joanne Hefney[2]. Fil-verita kien hemm xhud iehor, PC569 Anthony Cassar, li kkonferma l-volvontarjeta ta'l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat.

Illi l-Ispettur Gafa ta informazzjoni dwar l-ivestigazzjoni generali u kif gara li din l-investigazzjoni wasslet biex tinkludi lill-imputat. Huwa rrakkonta b'mod estensiv x'qallu l-imputat waqt li kien qed jigi interrogat u jirrilaxxja l-istqarrija. Dan pero l-Qorti ma tistax tiehdu in konsiderazzjoni ghall-istess ragunijiet li a bazi taghhom din il-Qorti ma' tistax tiehu in konsiderazzjoni bhala prova l-istqarrija rilaxxjata.

Illi mid-depozizzjoni ta' Joanne Hefney jirrizulta li l-imputat huwa registrat mad-Dipartiment bin-numru ta' registrazzjoni 1386 0225. Tul is-snin li huwa kien registrat mad-Dipartiment sa' kemm inbdew dawn il-proceduri (cioe

[1] Aktar 'l isfel imsejha "id-Dipartiment" jew "VAT" skond il-kaz.
[2] Fil-kwalita taghha ta' Director Operations fid-Dipartiment.

mill-1 ta’ Jannar 1999 sal-31 ta’ mejju 2009) l-imputat ssottometta wiehed u erbghin denunzja tal-VAT. Dawn id-denunzji kwazi kollha juru ammont ta’ taxxa pagabbali; kienu biss sitta li kienu juru kreditu favur l-imputat. Dawn kienu ghall-perjodu ta’ taxxa hawn taht indikat fejn jidher ukoll l-ammont ta’ kreditu reklamat.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1 | | 01/12/2007 sa 31/12/2007 | | €3.47 |
| 2 | | 01/01/2008 sa 29/02/2008 | | €14.13 |
| 3 | | 01/03/2008 sa 29/05/2008 | | €22.88 |
| ***4*** | | ***01/09/2008 sa 30/11/2008*** | | ***€12,115.11*** |
| ***5*** | | ***01/12/2008 sa 28/02/2009*** | | ***€6,323.06*** |
| 6 | | 01/03/2009 sa 31/05/2009 | | €76.64 |

Illi mid-depozizzjoni ta’ Joanne Hefney u mid-dokumenti esebieti[3] jirrizulta ukoll li l-imputat kien jipprezenta d-denunzji fiz-zmien prefiss mill-Ligi u bil-hlas kollu dovut meta dan kien dovut, hlif ghal zewg okkazzjonijiet fis-sens li d-denunzja ghall-perjodu ta’ taxxa mill-1 ta’ Settembru 2008 sat-30 ta’ Novembru 2008 giet prezentata tard fil-waqt li dik ghall-perjodu ta’ taxxa mill-1 ta’ Gunju 2008 sal-31 ta’ Awissu 2008 giet prezentata minghajr ma thallset it-taxxa kollha dovuta. Fil-fatt tul is-snin li l-imputat ilu registrat mad-Dipartiment (sal-15 ta’ Lulju 2009) huwa akkumula biss multi u imghaxx f’l-ammont ta’ €162.72.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ukoll li f’l-4 ta’ Settembru 2009, cioe fil-kors ta’ dawn il-proceduri, l-imputat baghat ittra lid-Dipartiment li permezz taghha talab li ssir korrezzjoni fiz-zewg denunzji ghall-perjodi ta’ taxxa mill-1 ta’ Settembru 2008 sat-30 ta’ Novembru 2008 u mill-1 ta’ Dicemrbu 2008 sat-28 ta’ Frar 2009 rispettivament[4] b’mod li minflok kreditu favur l-imputat f’l-ammont komplessiv (ghal dawn iz-zewg perjodi) ta’ €18,438.17 effettivament irrizulta li l-imputat kellu jhallas taxxa f’l-ammont komplessiv (ghal dawn iz-zewg perjodi ta’ taxxa) ta’ €630.23.

[3] B’mod partikolari ghandha ssir referenza ghal Dok AG4 a fol 22 tal-process.
[4] Dawk iz-zewg denunzji li huma high-lighted u elenakti bin-numri 4 u 5 fil-lista li tidher aktar ‘l fuq.

Illi huma id-denunzji li originarjament intbaghtu ghal dawn iz-zewg perjodi ta’ taxxa u li kienu juri dak il-kreditu komplessiv ta’ €18,438.17 li jiffurmaw il-bazi ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat. Dawn id-denunzji gew esebieti bhala Dok AG3 a fol 21 / 22 tal-process.

Illi ghandu jinghad li l-kreditu (ossia refunds) li originarjament kien jidher fuq dawn iz-zewg denunzji ma lahaqx thallas lill-imputat. Li gara kien li l-mill-ewwel kreditu ta’ €12,115.11 (fuq id-denunzja ghall-perjodu mill-1 ta’ Gunju 2008 sal-31 ta’ Awissu 2008) intuzaw €180.49 biex issir tpacija mal-penali u imghaxx li kienu lahqu akkumulaw sad-data ta’ dik id-denunzja fil-waqt li ghall-bilanc inhareg cheque pero ma ntbaghtx lill-imputat; il-kreditu ta’ €6,323.06 ghall-perjodu ta’ taxxa mill-1 ta’ Settembru 2008 sat-30 ta’ Novembru 2008 inghata refund status pero tpogga *under control* cioe taht investigazzjoni sa kemm jigi investigat u konfermat.

Ikkunsidrat.

Illi a skans ta’ ekwivoci l-Qorti thoss li f’dan l-istadju ghandha tissottolinea kif ghamlet f’kazijijet ohra bhal dan li hija trid tiggudika lill-imputat a bazi tal-provi prodotti fil-konfront tieghu u konsegwentement l-unici provi relevanti ghal kaz in ezami huma dawk akkwiziti f’dan il-process. Dak li jista’ jirrizulta f’proceduri ohra, anke jekk konnessi mal-kaz odjern, jew dak li possibilment irrizulta lill-pulizija fil-kors ta’l-investigazzjoni aktar wiesgha in konnessjoni ma’ dan il-kaz, huma ghal kollox irrelevanti.

Ikunsidrat

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta’ korruzzjoni ta’ ufficjal pubbliku.

Illi biex jissussisti dan ir-reat iridu jigu pruvati erba’ elementi bazici:

1. in-natura ufficjali jew pubblika tal-persuna li ser tigi korrotta;

2. li dik il-persuna rcieviet jew accettat flus jew xi rigal, jew weghda jew offerta u dawn ma kienux dovuta skond il-Ligi;
3. li dan sar in konnessjoni mal-kariga jew impjieg; u
4. li dan sar b'l-iskop li dik il-persuna taghmel jew ma taghmilx d-dmir taghha[5].

Illi l-prosekuzzjoni qed tikkontendi li l-imputat inkariga lil Nigel Abela, impjegat mad-Dipartiment u ghalhekk ufficjal pubbliku, biex jimla' iz-zewg denunzji fuq imsemmija b'mod li dawn juru kreditu favur l-imputat li mbaghad bi ftehiem kellu jinqasam bejn l-imputat u dan Nigel Abela fis-sens li l-imputat kellu jaghti ammont mhux specifikat lil Abela meta jircievi l-flus minghand d-Dipartiment.

Illi pero mill-provi prodotti la gie stabbilit min hu Nigel Abela, la saret il-prova li kien dan Nigel Abela li rrediga d-denunzji in ezami, hekk kif ma ngibitx il-prova li dan Nigel Abela huwa ufficjal jew impjegat pubbliku. Fil-verita lanqas m'hemm prova li turi li saret xi weghda jew offerta lil dan Nigel Abela (jew xi ufficjal pubbliku iehor) da parti ta' l-imputat permezz ta' liema weghda l-imputat kien ser ihallas lil dan Nigel Abela xi parti mir-refund li kien ser jithallas mid-Dipartiment.

Illi ghalhekk ma jistax jinghad li gew pruvati l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat predispost f'l-artikolu 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; konsegwentement l-ewwel imputazzjoni ma tirrizultax.

Ikkunsidrat

Illi t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta' komplicita fi truffa a dannu tal-Gvern ta' Malta.

Illi dwar l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' truffa Francesco Antolisei jghid hekk:

---

[5] Ref Pulizija vs Alfred Demicoli Appell Kriminali deciz 02.05.1985.

*Nucleo essenziale del delitto in parola e' l'inganno col quale una persona viene indotta a compiere un atto, positivo o negativo, che importa una diminuzione del suo patrimonio col profitto del agente o di altri. Il consenso della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il reato … Nella truffa … l'agente, mediante artifizi o ragiri riecse ad ottenere che la vittima si danneggii da se: consgna una cosa, assuma un obbligazione, rinunzi ad un suo diritto, ecc: compia insomma un atto di disposizione pregudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri.*

*La fattispecie oggettiva della truffa consta dei segwenti elementi:*
*(1) un particolare comportamento del reo, che il codice designa con l'espressione artifizi o raggiri;*
*(2) la causazione di errore, il quale … deve a sua volta dare origine a una dispozione patrimoniale;*
(3) *un danno patrimoniale derivato dell'inganno con conseguente profitto per l'agente o altra persona.*[6]

Illi diversi sentenzi tal-Qrati taghna jirribadixxu dan l-istess insenjament. Fil-fatt il-Qorti ta'l-Appell Kriminali qalet hekk dwar l-elementi tar-reat ta' truffa:

*Fil-Ligi taghna element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene cioe dawk l-artifizi jew raggiri idonei li jinducu u li effettivament kienu inducew lill-vittma fi zball --- l-ingann --- u li b'konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent…… liema telf u qligh ikun rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos li taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata*.[7]

Illi dwar id-distinzjoni bejn ir-reat ta' truffa u r-reat minuri ta' frodi innominata, huwa ormai ben stabbilit ukoll fil-gurisprudenza taghna li din id-distinzjoni hija determinata mit-tip ta' ingann adoperat mill-agent. It-tlett elementi fuq

[6] Manuale di Diritto Penale Parte Speciale I pagna 354
[7] Ref Pulizija vs Emmanuele Ellul 20.06.1997.

elenkati huma rikjesti ghaz-zewg reati; huma il-mezzi adoperati biex jigi perpetrat l-ingann li jiddistingwi t-truffa mill-frodi innominati.

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm t-truffa jew il-frodi innominatairid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konswgwenti qliegh ghall-agent. Dan it-telf hafna drabi ikun jikkonsisti filli l-vittma, propju ghax ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi, dak li fid-dottrina huwa imsejjah mise en scene, ikun hemm it-trufffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata*[8].

Illi dwar il-messa in xena l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet*[9]

Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ikkomment ukoll l-istess Antolisei[10]

*artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita*. .... *E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera*.

Dan l-awtur pero jkompli jghid li

---

[8] Ref Pulizija vs Carmela German Appell Kriminali deciz 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.
[9] Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997.
[10] Op cit pagna 356

*nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[11].

Illi fir-rigward ta' din it-tieni imputazzjoni l-prosekuzzjoni qed tikkontendi li permezz ta' dawk id-denunzja ghall-perjodi ta' taxxa mill-1 ta' Settembru 2008 sat-30 ta' Novembru 2008 u mill-1 ta' Dicemrbu 2008 sat-28 ta' Frar 2009 rispettivament l-imputat kien qed jikkrea kreditu immaginarju ta' €18,438.17 li permezz tieghu ghamel qliegh f'l-ammont ta' €180.49 a dannu tal-Gvern ta' Malta. Jidher li l-prosekuzzjoni qed tillimita ruhha ghal dak l-ammont mill-kreditu reklamat li effettivament intuza biex issir tpacija mal-multi li kellu l-imputat.

Illi minn kien l-awtur ta' dawn iz-zewg denunzji ma giex pruvat. Fil-verita l-unika haga li giet pruvata hija li dawn iz-zewg denunzji fuq imsemmija gew prezentati lid-Dipartiment pero minn irredigihom; minn min gew prezentati; x'inkarigu inghatat, u minn min, il-perunsa li rredigitehom (jekk ma kienx l-imputat), u x'parti kellu l-imputata f'din l-istorja ma jirrizultawx.

Illi l-fatt wahdu li gew prezentati zewg denunzji li kienu jispikkaw tenut kont tat-tax history ta'l-imputat u li l-imputat talab korrezzjoni ta' dawn id-denunzji, fil-waqt li suspettuz, ma jikkostitwiex prova fil-grad rikjest mill-Ligi li l-imputat b'l-intenzjoni specifika li jiddefroda lill-Gvern kien b'xi mod partecipi mal-persuni l-ohra (huma minn huma) f'din l-istorja.

Illi tenut kont ta' dan fil-fehma ta' din il-Qorti din it-tieni imputazzjoni ma gietx pruvata.

Ikkunsidrat

Illi t-tielet u r-raba imputazzjoni jirreferu ghal komplicita f'falsifikazzjoni; l-ewwel wahda ai termini ta'l-artikolu 188

---

[11] Op cit pagna 357

tal-Kapitolu 9 u l-ohra ai termini ta'l-artikolu 77 tal-Kapitolu 406.

Illi dawn iz-zewg dispozizzjonijiet tal-Ligi jikkomtemplaw 'l hekk imsejjah falz ideologiku.

*Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: fil-waqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi falsifikat f'l-essenza tieghu, fil-kaz tal-falz ideologiku d-dokument ikun falsifikat biss fis-sustanza tieghu u cioe fil-kontenut ideali tieghu; ikun hemm falsita materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico perche' colui che lo ha formato gli fa dire cose contrario al vero".*[12]

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li d-denunzji originarjament prezentati ghall-perjodi ta' taxxa mill-1 ta' Settembru 2008 sat-30 ta' Novembru 2008 u mill-1 ta' Dicemrbu 2008 sat-28 ta' Frar 2009 rispettivament jaghtu informazzjoni falza fis-sens li *non e veridico perche colui che lo ho formato gli fi dire cose contrario al vero*. Jirrizulta ukoll li dawn id-dokumenti kienu mahsubu ghal xi awtorita pubblika, id-Dipartiment tal-VAT, hekk kif jirrizulta li permezz tad-denunzji in ezami l-imputat seta' jikseb vantagg ghalih.

Illi pero jrid jigi pruvat l-element intenzjonali ukoll u fin-nuqqas ta' xi prova kwalunkwe dwar min irrediga dawn id-denunzji u dwar x'involviment kellu l-imputat f'dan l-ezercizju ma jistax jinghad li dan l-element intenzjonali gie pruvat.

Illi ghalhekk lanqas dawn l-imputazzjonijiet ma gew pruvati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

---

[12] Ref Pulizija vs Paul Galea Appell Kriminali deciz 17.10.1997.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------